MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Rikors Numru. 22/2002

Alfred, Adelide, Dorothy Sammut, Amalia Azzopardi, Lina Borg, Romwaldo, Mary Dalton ilkoll ahwa Darmanin kif ukoll Lawrence, Robert Elien, Antoinette u Jacqueline ahwa Darmanin bhala eredi ta' Onesto Darmanin

vs

Lucia Mizzi

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fil-25 ta' Gunju, 2002 fejn esponew:

Illi huma jikru lill-intimata parti mill-ghalqa maghrufa bhala "Tal-Gelmus" fil-kontrada ta' Qaddisin Kosmu u Damjan limiti ta' Victoria Ghawdex ta' cirka 10,116 m.k) ghaxart elef mija u sittax-il metru kwadru u dana kif soggetta ghall-

qbiela ta' hames (Lm5) liri Maltin fis-sena l-ahhar skadenza fil-hmistax (15) ta' Awissu, 2000.

Illi huma jixtiequ jirriprendu l-pussess tal-ghalqa hawn fuq indikata stante illi (i) l-intimata halliet li ssir hsara fl-istess ghalqa (ii) u li l-inkwilina ma baqghetx tuza l-imsemmija ghalqa ghall-iskop li ghalih kienet giet mikrija u cioe' l-ghalqa qeghda tintuza ghall-iskopijiet ta' kacca u fiha gew mizrugha wkoll diversi sigar hziena dana ai termini tal-Art 4(2)(a)(f) tal-Kap 199.

Illi huma lesti jhallsu l-kumpensazzjoni talvolta dovuta lill-intimata skond il-ligi li dan il-Bord jghogbu jillikwida ghall-fini tal-istess ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-ghalqa maghrufa bhala "Ta' Gelmus" fil-kontrada ta' Qaddisin Kosmu u Damjan limiti ta' Victoria Ghawdex mill-15 ta' Awissu, 2000 u dan ghar-ragunijiet imsemmija li jigu ahjar spjegati waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghall-finijiet tal-ligi jitlob li dan il-Bord jillikwida kwalunkwe kumpens talvolta dovut skond il-ligi lill-intimata.

Ra r-risposta pprezentata mill-intimata fejn esponiet:

1. Illi preliminarjament hemm in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan l-Onorabbli Bord stante illi dan ir-rikors kellu jigi prezentat quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, hija topponi ruhha ghat-talbiet tar-rikorrenti ghar-ripresa tar-raba' mertu ta' dan ir-rikors stante illi kuntrarjament ghal dak li hemm allegat fir-rikors, m'huwiex minnu illi r-raba' in kwistjoni m'ghadux jinhadem.

3. Illi oltre dan lanqas huwa minnu, kif allegat mir-rikorrenti, illi tali porzjon raba' giet allokata lil terzi minghajr il-kunsens tas-sidien.

4. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal.

Ikkunsidra:

1. Il-Bord ser jghaddi biex jikkunsidra l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati: l-inkompetenza billi r-Rikors imissu sar quddiem il-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba (mhux il-Bord li Jirregola l-Kera kif jinghad fit-twegiba) ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna.

2. L-Artikolu 7 tal-kap 199:

i. Relattivament ghal kull proceduri li jkollhom x'jaqsmu ma' art li tkun fil-Gzira ta' Malta, l-Bord ghandu jzomm is-seduti tieghu fil-qrati superjuri ta' Malta u r-registru ta' dawk il-Qrati jkun ir-Registru tal-Bord.

ii. Relattivament ghal kull proceduri li jkollhom x'jaqsmu ma' art li tkun fil-Gzira ta' Ghawdex jew ta' Kemmuna, il-Bord ghandu jzomm is-seduti tieghu fil-Qrati tal-Magistrati (Ghawdex) u r-registru ta' dik il-qorti jkun ir-Registru tal-Bord.

3. L-obbligazzjonijiet involuti f'din il-kawza huma dawk imnissla minn ghoti
bi qbiela ta' fond li jinsab Ghawdex u jridu jigu esegwiti fuq l-istess fond u huma marbutin mieghu. Ghalhekk ir-rikors ried isir fil-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna. F'kaz ta' ezitu favorevoli ghar-rikorrenti l-esekuzzjoni trid issir fil-Gzira ta' Ghawdex.

Ghalhekk il-Bord jiddikjara li ma ghandhux gurisdizzjoni u jillibera lill-intimata mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------